MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 577/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Bryden Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Bryden Azzopardi ta' 19-il sena, bin Joseph u Helen nee' Attard, imwieled Pieta' fil-15 ta' Dicembru 1989 u residenti ir-Razzett tan-Nuza, Triq Hal-Qormi, Attard u detentur tal-karta tal-identita' numru 104090(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Matul ix-xahar ta' Mejju 2010 fil-Belt Valletta xjentament xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat sew jew dan isir f'Malta jew barra

minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti cioe' mobile tal-marka HTC kien gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin. Filwaqt li nesebixxi estratt mill-att tat-twelid u l-fedina penali ta' l-imsemmi Bryden Azzopardi nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Gunju 2010 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Jannar 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza

migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------